**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 460/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**FRANCIS FARRUGIA**

**Illum, 23 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **FRANCIS FARRUGIA** ta' 33 sena, iben Anna Farrugia, mwieled il-Pieta' nhar is-7 ta' Marzu, 1985, residenti gewwa numru 49, Triq Danny Cremona, Hamrun detentur tal-karta tal-identita': 0160285M, li tressaq quddiemha akkużat talli nhar is-27 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14.00hrs) ġewwa l-Marsa:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antoine Jean Richard, u dan skond ma ccertifika Dr. Karim Abdalla MD (Reg. No. 3867) mill-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Beatrice Marie Jacqueline, skond kif iccertifikat minn Dr. Karim Abdilla MD (Reg. No. 3867) mill-Isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali,jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hrigt il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. U aktar talli fl-istess data, lok , u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u cioe' nuccali, liema hsara ma tiskorriex l-elfejn u hames mitt ewro ( 2,500), izda li tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), li saret ghad-dannu ta' Beatrice Marie Jacqueline u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ksur ta' snien, liema ħsarat jiskorru l-ammont t'Elfejn Ħames mitt Ewro (2,500) li saret għad-dannu ta' Antoine Jean Richard u/jew persuni oħra.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, għidt fil-pubbliku xi kliem oxen jew indeċenti, jew għamel att jew ġesti oxxeni, jew offenda il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

7. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Beatrice Marie Jacqueline u Antoine Jean Richard u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, lema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas- 6 ta' Jannar, 2020, fejn ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

a) Fl-artikoli 214, 215, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 338(bb)(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 339(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

**Il-kwerelant Antoine Richard** xehed[1] li hu u martu marru jiltaqgħu ma' ħabib tagħhom ċertu Fabrice mill-Cameroon li kien weġġa' f'inċident meta kien fil-kċina tar-residenza tiegħu ġewwa Triq l-Istalel, Marsa. Meta kienu f'din it-triq, kien hemm Francis Farrugia – u indika lill-imputat bħala din il-persuna[2] - fuq in-naħa l-oħra tat-triq li għamillu sinjali biex imur ikellmu u huwa mar ħdejh. Qal li Francis Farrugia beda jgerger miegħu li l-inkwilini Afrikani tiegħu kienu ħarqulu l-post li kien jikrilhom u stiednu biex jidħol miegħu fil-post tiegħu fl-istess triq biex jurih il-ħsara li kienu għamlu. Fetaħ il-bieb ta' dan il-post b'ċavetta u daħlu f'binja mudlama, iżda skont il-kwerelanti ma kienx hemm riħa ta' ħruq. Kompla jixhed illi mbagħad, dan ir-raġel fetaħ il-bieb tal-garaxx ta' maġenb il-binja, ħareġ b'ħadida f'idejh u hekk kif huwa dar biex jitlaq minn fuq il-post, ir-raġel ġie minn warajhom u tah daqqa bil-ħadida f'rasu u mbagħad tah daqqtejn oħra bl-istess ħadida fuq wiċċu u kissirlu ħames sinniet. Il-kwerelant spjega li meta martu bdiet twerżaq u intervjeniet biex tipprova twaqqaf l-aggessur tiegħu, dan ir-raġel qabadha minn xagħarha u sabbtilha wiċċha mal-art bir-riżultat li nkissrilha n-nuċċali. Wara, dan ir-raġel beda jiġri warajh, waqqgħu u kompla jsawwtu fuq rasu u fuq dahru bl-istess ħadida.

[1] Xhieda tal-1 ta' Novembru 2018.
[2] Fol. 26.

In kontro-eżami l-kwerelanti qal li huwa ma jiftakarx li qatt ra lill-aggressur tiegħu qabel u kien sar jaf x'jismu biss bl-assistanza tal-konsulent legali tiegħu. Ikkonferma li madwar xahar wara l-inċident, il-Pulizija wrewh ritratt wieħed tas-suspettat u kien proprju għaliex ġie muri dan ir-ritratt li sar jaf min hu l-aggressur tiegħu u li jismu Francis Farrugia. Mistoqsi speċifikatament mid-difiiża, il-kwerelant qal ukoll li ma jafx li dakinhar tal-inċident Francis Farrugia kellux il-Preċett tat-tifel tiegħu[3].

Din il-verżjoni ġiet korroborata minn martu **Beatrice Richard** li fix-xhieda tagħha[4] affermat li meta kienu fit-triq qed jistennew lill-ħabib tagħhom Fabrice, rat lil Francis Farrugia fuq in-naħa l-oħra tat-triq flimkien ma' raġel ieħor u tifel viċin bieb ta' garaxx u għamel sinjal li ried ikellem lil żewġha u wara li tkellmu u żewġha ġie lura, rat lil Francis Farrugia jiftaħ il-bieb b'ċavetta, joħroġ b'ħadida f'idu u josservahom min-naħa l-oħra tat-triq. Dak il-ħin żewġha qalilha biex jitilqu u f'daqqa u l-ħin rat lil Francis Farrugia jagħti lil żewġha fuq rasu minn warajh. Hi bdiet tgħajjat u dan ir-raġel qabadha minn xagħarha, sabbtilha rasha mal-art u nkisrula n-nuċċali. Kif qamet, reġgħet qalgħet daqqa oħra fuq rasha minn dan ir-raġel li hija indikatu bħala l-imputat. Ikkonfermat ukoll li hija saret taf li l-aggressur huwa Francis Farrugia wara l-inċident u ma kienetx taf min hu.

Mill-provi jirriżulta illi b'riżultat ta' din l-aggressjoni, Antoine Richard ġarrab laċerazzjonijiet f'wiċċu liema laċerazzjonijiet kienu kaġunati minn *blunt trauma* u ħallew tliet marki ossia ċikatriċi madwar ħalqu : tnejn minnhom baqgħu viżibbli *from*

---

[3] Għall-Qorti dan hu interessanti għaliex in segwitu, wara li kien xehed in kontro-ezami fejn kien ġie mistoqsi jekk kienx jaf li dakinhar tal-inċident Francis Farrugia kellux il-Preċett tat-tifel tiegħu, il-kwerelant Antoine Richard talab li jerġa' jixhed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 fejn semma għall-ewwel darba li kien hemm ukoll tifel żgħir flimkien mal-aggressur waqt l-inċident u waqt li l-aggressur kellu l-ħadida f'id waħda filwaqt li bl-id l-oħra kien qed imelles ras it-tifel, li kellu xagħru iswed u liebes flokk oranġjo.

[4] Xhieda tas-27 ta' Novembru 2018.

*within talking distance*[5]. Ġie kostatat ukoll mill-espert ġudizzjarju mediko-legali li t-trawm subita fuq wiċċu kienet suffiċjenti biex tħalli laċerazzjoni konsiderevoli u l-ksur li ġie riskonstrat fi snienu kien kompatibbli ma' din l-istess trawma, għalkemm ma kienx hemm ksur tas-snien permanenti. Dawn il-ġrieħi ġew klassifikati mill-istess espert ġudizzjarju bħala offiżi ta' natura gravi.

**PS 1236 Joseph Gatt** xehed[6] illi huwa ħa r-rapport tal-kwerelanti l-għada tal-inċident u akkumpanjahom fuq il-post fejn qalu li seħħ dan l-inċident. Jumejn wara huwa ġie avviċinat minn persuna li riedet tibqa' anonima li kienet minn dawk l-akkwati, fejn din il-persuna kienet ċerta li l-aggressur li ħebb għall-koppja kien ċertu wieħed Frans it-Topper. Għalhekk huwa kien ta struzzjonijiet li r-ritratt tal-karta tal-identita' ta' din il-persuna jintwera lill-kwerelanti biex jiġi konfermat jekk kienx hu l-aggressur. Jaf li dan ir-ritratt ġie muri lilhom minn PC948 u huma kkonfermaw li dak kien ir-raġel li kien aggredihom. Iżda meta huwa staqsa lill-kwerelanti jekk jixtiequx lill-Pulizija jibagħtu għalih u jikkonfermaw li huwa l-istess persuna wara li jarawh b'għajnejhom, qalulu li ma jixtiqux jiltaqħgu miegħu. Ix-xhud ikkonferma li meta l-kwerelanti ġew jirrapportaw l-inċident l-għada tal-istess inċident, huwa ra l-feriti u l-punti li Antoine Richard kellu ma' ħalqu.

**PC 948 Christian Gauci** xehed[7] li l-kwerelanti għamlu rapport fit-28 ta' Mejju 2018 l-għada tal-inċident u xi jiem wara s-surġent tah numru tal-karta tal-identita' biex itella' ritratt fuq is-sistema biex jurih lill-kwerelanti u meta urielhom ir-ritratt ta' Francis Farrugia, huwa kkonferma li huwa kien qalilhom li l-Pulizija għandhom informazzjoni li huwa dak ir-raġel li kien aggredihom[8]. Ikkonferma wkoll li l-kwerelanti qablu li ġew aggrediti minnu. Ix-xhud ikkonferma li hu urihom ir-ritratt biss ta' Francis Farrugia.

---

[5] Xhieda Dr. Mario Scerri tal-11 ta' Diċembru 2019 u relazzjoni Dok. MS1.
[6] Xhieda tas-26 ta' Frar 2019.
[7] Xhieda tas-26 ta' Frar 2019.
[8] Fol. 115. Xhieda tad-29 ta' Frar 2019.

**Francis Farrugia, l-imputat**, irrilaxxa waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fl-20 ta' Lulju 2018, fejn ikkonferma li huwa m'għandux laqam. Bla tlaqliq caħad ukoll li kien l-aggressur f'dan l-inċident u saħaq li fis-27 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tas-2.00 p.m. huwa kellu l-preċett tat-tifel tiegħu. Huwa insista wkoll li huwa ċert li ma kienx il-persuna li ħebb għall-kwerelanti fil-Marsa u saħaq li ma jaf xejn dwar dan l-inċident, li l-vittmi ma jahomx u li ma jistax ikun li kien hu għaliex lanqas kien qiegħed hemm. Francis Farrugia sostna wkoll li ma jikri l-ebda proprjeta' fil-Marsa lil Fabrice u fir-remissa li għandu fil-Marsa, li ma tinsabx fi Triq is-Serkin, iżomm biss żwiemel u klieb.

Meta xehed quddiem il-Qorti[9], l-imputat reġa' ċaħad kategorikament li hu l-persuna li aggredixxa lill-kwerelanti. Ikkonferma li fis-27 ta' Mejju 2018 ibnu Sheyden Farrugia iċċelebra l-Ewwel Tqarbina tiegħu u fis-2.00 p.m. huwa ma kienx il-Marsa iżda kien il-Bormla għand ommu, fl-indirizz 36, Fuq Verdala, Bormla, għaliex kienu organizzaw festin żgħir għall-okkażżjoni wara ċ-ċelebrazzjoni fil-Knsija, li ma setax jattendi, u damu hemmhekk sat-3.00 p.m jew l-4.00 p.m.

Dwar dan xehdu persuni oħrajn[10] li kienu mistednin il-festin tal-Preċett dakinhar u lkoll affermaw li kienu attendew għal dan il-festin ġewwa Bormla għall-ħabta tas-1.00 p.m. u kien hemm b'kollox 15 jew 20 ruħ. Ġie esebit ukoll mill-imputat tifkira tal-okkażjoni u ritratti, fosthom ritratt tiegħu flimkien ma' ibnu, liema ritratti ttieħdu waqt dan il-festin fis-27 ta' Mejju 2018 fil-12:09h[11].

L-imputat xehed ukoll li Frans it-Topper mhux hu iżda kien ħuh minn missier differenti, Francis Tanti, u kien proprju dan ħuh li kien magħruf b'dan il-laqam, iżda huwa miet fl-2020. Qal ukoll li għalkemm mhux tewmin iżda aħwa, huma kienu jixxiebħu u fir-rigward esebixxa żewġ ritratti tal-imsemmi ħuh[12].

---

[9] Xhieda tad-29 ta' Settembru 2021 u 11 ta' Novembru 2021.
[10] Roderick Gerada, Frank Borg, Leon Gerada – xhieda tal-11 ta' Novembru 2021.
[11] Dok. FFX1 u FFX2.
[12] Dok. FFX3 u FFX4.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 xehdu l-kwerelanti Antoine Richard u Beatrice Richard u kkonfermaw bil-ġurament li qegħdin jirrinunzjaw għall-kwerela li għamlu lill-Pulizija in konnessjoni mal-inċident li seħħ fis-27 ta' Mejju 2018 ġewwa l-Marsa. Ir-rinunzja espressa tal-kwerela tfisser li l-azzjoni kriminali dwar it-tieni imputazzjoni dwar offiżi ta' natura ħafifa kkaġunati lil Beatrice Richard[13] u t-tielet imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9[14], ma tistax tissokta u l-proċediment dwarha jinsab eżawrit.

Għall-bqija il-Qorti tibda biex tosserva li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tipprova mhux biss l-elementi kollha tar-reati l-oħrajn li hija addebitat lill-imputat fl-ewwel u fir-raba' sas-sitt imputazzjonijiet, iżda wkoll rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull wieħed minn dawn ir-reati, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dak ir-reat. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha diretti u ċirkostanzjali jew indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Għas-sejbien ta' ħtija kriminali, l-ordinament ġuridku tagħha jeħtieġ li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova ċioe' ċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

[13] Ara Art. 221(4) tal-Kap. 9.
[14] Ara Art. 339(2) tal-Kap. 9.

Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li in tema, qalet hekk:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[15]

Ikkunsidrat;

Id-difiza f'dan il-każ tikkontendi illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi konvinċenti u univoċi li jorbtu lill-imputat mal-inċident li seħħ fis-27 ta' Mejju 2018 u sottomettiet illi l-imputat, da parti tiegħu, ressaq ukoll provi suffiċjenti li jinstawraw dubju li jmur lil hinn minn dubju raġjonevoli fit-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien hu l-aggressur li ħebb għall-kwerelanti.

---

[15] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021.

In sostenn tal-argoment tagħha li ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement mill-Prosekuzzjoni li l-imputat huwa l-aggressur li kkaġuna offiża gravi fuq Antoine Richard u li għamel ħsara volontarja lill-ħwejjeġ ta' Beatrice Richard, id-difiża sottolinejat iċ-ċirkostanzi xejn favorevoli li fihom jirrizulta mill-atti li l-imputat ġie identifikat mill-kwerelanti fl-Għassa tal-Pulizija kważi xaharejn wara l-inċident: ġie sottomess illi din l-identifikazzjoni tal-imputat ma tiswiex għaliex ma saritx *identification parade* biex is-suspettat, jekk jiġi identifikat, jiġi identifikat bis-salvagwardji mehtiega sabiex l-identifikazzjoni tinghata valur probatorju f'procediment kriminali.

Fid-decizjoni fil-kaz celebri ta' **Turnbull**[16]**,** li ttrattat il-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, ġie ritenut illi meta l-każ kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni tal-imputat, jeħtieġ kawtela kbira u eżami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u taċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret din l-identifikazzjoni, fosthom it-tip ta' viżwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iż-żmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija.  F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*

… … …

*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80).  But as with other kinds of weak identification*

[16] (1977) QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256.

*evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence."*[17]

In propositu tal-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[18], li ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Caruso**, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:-

*"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:-*

*"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid* ***x'mhux mehtieg*** *u mhux* ***x'inhu mehtieg"****. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*

*"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:-*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett,*

---

[17] Ara Blackstone.

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Mejju 2016.

*izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni.*

…

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli* [in materja ta' identification parades] *ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli.*

Ikkunsidrat;

Hi l-fehma tal-Qorti li l-każ li għandha quddiemha jistrieħ sostanzjalment jekk mhux unikament fuq l-identifikazzjoni tal-imputat bħala l-aggressur tal-kwerelanti.

Mix-xhieda ta' PS 1236 Joseph Gatt u PC 948 Christian Gauci jirriżulta illi l-Pulizija rċeviet informazzjoni anonima li l-aggressur tal-kwerelanti kien "*Frans it-Topper*" u abbażi ta' din l-informazzjoni tniżżel mis-sistema tal-Pulizija ritratt bil-kulur tal-imputat Francis Farrugia. PC 948 Christian Gauci xehed li huwa bagħat għall-kwerelanti u **wriehom biss dan ir-ritratt uniku, tal-imputat, fuq il-monitor ġewwa l-Għassa tal-Pulizija filwaqt li qalilhom ukoll li l-Pulizija kellhom informazzjoni**

**li dak ir-raġel, Francis Farrugia, kien l-aggressur**[19]. Dan ġie affermat minn Antoine Richard li xehed illi huwa ġie muri biss ritratt wieħed ta' Francis Farrugia. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' PC948 li d-daqs tar-ritratt tal-imputat li ntwera lill-kwerelanti dak il-ħin fuq monitor ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, kien ftit ikbar minn dak li jidher f'Dok. CG1 ċioe' ftit ikbar minn ritratt tal-passaport regolari u l-kwerelanti identifikawh minn fuq dan ir-ritratt.

Minn dan hu ovvju li l-kwerelanti ma tħallewx fil-liberta' li jidentifikaw huma stess spontanjament lill-aggressur tagħhom, per eżempju minn fost sett jew sensiela ta' ritratti ta' persuni differenti. Għandu jingħad li kieku l-kwerelanti ma kienux ġew murija r-ritratt tal-imputat bl-indikazzjoni speċifika li huwa l-persuna li qed tiġi suspettata li aggrediethom, l-identifikazzjoni tagħhom tal-imputat fl-awla ma kienetx issir f'termini daqshekk assoluti u immedjati. Il-Qorti fir-rigward tiftakar (u dan jirriżulta wkoll mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni) li l-kwerelant Antoine Richard kien tela' fuq il-pedana tax-xhieda b'konvinzjoni aprioristika li Francis Farrugia kien il-persuna li aggredixxa lilu u lil martu, tant illi huwa immedjatament irrefera għall-aggressur bħala Francis Farrugia u dan meta huwa ma jafux u meta kien għadu lanqas identifikah fl-awla[20]. Konvinzjoni li għall-Qorti hu ovvju li ġiet xprunata u assodata biss b'effett tal-fatt li l-uffiċjali tal-Pulizja kienu wrewh ritratt tal-istess Francis Farrugia sewwasew bħala l-persuna li aggrediethom. Wieħed irid iżomm f'moħħu li kieku mhux għall-fatt li kien ġie speċifikatament indikat lill-kwerelanti li l-aggressur tagħhom ma kien ħadd ħlief Francis Farrugia, kienu jkunu għaddew kważi sitt xhur mid-data tal-inċident sakemm il-kwerelanti ġew biex jixhdu fil-presenza tal-imputat: persuna li dikjaratament huma ma kienux jafuh u qatt ma rawh qabel.

Konformement u applikat ukoll l-insenjament fuq ċitat, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-kwerelanti identifikaw lill-imputat għaliex effettivament għarfuh bħala l-persuna li

[19] Fol. 115 – xhieda tas-26 ta' Frar 2019.

[20] Xhud: *".... we were being addressed by a gentleman on the other side of the road who was gesturing to us, to your group of people and this gentleman was Francis Farrugia."*

Qorti: "*The witness is indicating the accused*". – Xhieda tal-1 ta' Novembru 2018, fol. 26.

aggrediethom fis-27 ta' Mejju 2018 u mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax li din l-identifikazzjoni saret b'mod indipendenti u spontaneja. Il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disapprovazzjoni tagħha dwar dan il-metodu mill-iktar infeliċi kif inħadmet il-proċedura ta' identifikazzjoni tal-allegat aggressur da parti tal-kwerelanti. Għalkemm m'hijiex tal-fehma li għandha twarrab kompletament l-identifikazzjoni li saret quddiem il-Qorti fejn il-kwerelanti indikaw lill-imputat bħala l-aggressur tagħhom, ma tistax ma tqisx li l-proċess li wassal għal din l-identifikazzjoni kien imniġġes u dan il-fatt sejjer jittieħed in konsiderazzjoni meta tiġi biex twieżen il-valur probatorju li għandu jingħata lil din ix-xhieda fl-isfond tal-provi l-oħra kollha akkwiżit fl-atti proċesswali.

Ibda biex dan kollu jrid jitqiegħed fl-isfond tal-fatt illi l-imputat dejjem ċaħad li huwa l-aggressur u dejjem insista li huwa ma kienx il-Marsa dakinhar tal-inċident għaliex kien il-preċett ta' ibnu – allegazzjoni li fil-fehma tal-Qorti ġie ppruvat sal-grad tal-probabbli. Kif rajna, mill-provi li ressaq l-imputat jirriżulta li kien ġie organizzat festin żgħir għall-okkażżjoni wara ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja, liema ċelebrazzjoni baqgħet għaddejja sa filgħaxija. Dwar dan xehdu persuni oħrajn[21] li kienu mistednin il-festin tal-Preċett dakinhar ġie esebit ukoll mill-imputat tifkira tal-okkażjoni u ritratti, fosthom ritratt tiegħu flimkien ma' ibnu, liema ritratti ttieħdu waqt dan il-festin fis-27 ta' Mejju 2018 fil-12:09h[22].

Ma jistax ma jiġix osservat ukoll li fil-fehma tal-Qorti huwa eskluż ukoll sal-grad tal-probabbli li l-imputat huwa Frans it-Topper: l-imputat xehed li kien ħuh Francis Tanti, illum mejjet, li effettivament huwa magħruf bil-laqam Frans it-Topper u din ix-xhieda baqgħet ma ġietx kuntrastata. Għandu jingħad illi ġaladarba l-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieħ fuq informazzjoni anonima li kien Frans it-Topper li kien aggredixxa lill-kwerelanti, il-Qorti tqis li kien jinkombi lill-Prosekuzzjoni tressaq prova biex jintwera li effettivament, l-imputat huwa magħruf b'dan il-laqam. Madanakollu, l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward hija l-istqarrija tal-imputat fejn għall-ewwel

[21] Roderick Gerada, Frank Borg, Leon Gerada – xhieda tal-11 ta' Novembru 2021.
[22] Dok. FFX1 u FFX2.

mistoqsija li saritlu mill-Uffiċjal Investigattiv dwar jekk huwiex magħruf b'xi laqam, wieġeb fin-negattiv u minkejja li l-Pulizija kellhom informazzjoni anonima li l-aggressur tal-kwerelanti kien Frans it-Topper, l-imputat baqa' ma ġiex mistoqsi jekk huwiex effettivament magħruf b'dan il-laqam partikolari.

Fil-ġabra ta' dan kollu, il-Qorti mhux biss ma tistax tistrieħ fuq l-identifikazzjoni tal-imputat mil-kwerelanti bħala l-persuna li aggrediethom bħala waħda attendibbli u affidabbli biżżejjed biex tingħata affidabbilita' iżda, wara li evalwat din l-identifikazzjoni fl-isfond tax-xhieda tal-imputat u l-provi li tressqu minnu f'dawn il-proċeduri, tqis ukoll li jeżisti dubju raġjonevoli dwar it-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien proprju l-imputat li aggredixxa lill-kwerelanti u li kien fl-inħawi tal-Marsa fis-27 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tas-2.00 p.m.

Għaldaqstant, tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li aggredixxa lill-kwerelanti u l-Qorti mhijiex moralment konvinta li l-persuna li ħebb għall-kwerelanti fil-Marsa fis-27 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tas-2.00 p.m. kien effettivament l-imputat Francis Farrugia. Dan ifisser ukoll li l-imputat ma jistax jinstab ħati lanqas tar-reati kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(bb) u l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 li ġew addebitati lilu in konnessjoni mal-istess episodju.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil FRANCIS FARRUGIA ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**